*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "MY PLANET" għal prodotti fil-klassijiet 25, 32 u 33 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 566 515

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Vicente Gandia Pla, SA

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali "EL MIRACLE PLANET" għal prodotti fil-klassijiet 25, 32 u 33

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 41(1) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 – Penny-Markt vs UASI – Boquoi Handels (B! O)**

**(Kawża T-364/14)**

(2014/C 261/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Penny-Markt GmbH (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Brandstätter u A. Wagner, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Boquoi Handels OHG (Straelen, il-Ġermanja)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-21 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 1201/2013-4;

— tikkundanna lill-konvenut għal-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "B! O", għal prodotti fil-klassijiet 29, 30, 31 u 32 – Trade mark Komunitarju Nru 10 038 008

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Boquoi Handels OHG

*Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* trade mark verbali nazzjonali u trade mark verbali Komunitarju "bo" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 16, 21, 29, 31, 32, 33 u 35

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata u t-trade mark Komunitarja ddikjarata invalida

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 53(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2014 – August Storck vs UASI – Chiquita Brands (Fruitfuls)**

**(Kawża T-367/14)**

(2014/C 261/57)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* August Storck KG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Rohr, A. C. Richter, P. Goldenbaum u T. Melchert, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Chiquita Brands LLC (Charlotte, l-Istati Uniti)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Marzu 2014 mogħtija fil-Każ R 1580/2013-5;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tiegħu u għal dawk tar-rikorrenti u, fil-każ li Chiquita Brands LLC tintervjeni fil-proċedura, tikkundannaha għall-ispejjeż tagħha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka:* it-trade mark verbali "Fruitfuls" għal prodotti fil-klassi 30 – Reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5 014 519

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja:* Chiquita Brands LLC

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* trade mark irrevokata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 – Petropars *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-370/14)**

(2014/C 261/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Petropars Ltd (Teheran, l-Iran); Petropars International FZE (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda); u Petropars UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Zaiwalla, P. Reddy u Z. Burbeza, Solicitors, u R. Blakeley, Barrister)